II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1059/2010

tat-28 ta' Settembru 2010

li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikketti li jindikaw il-konsum tal-enerġija tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti tal-enerġija relatati [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 10 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2010/30/UE tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati fir-rigward tat-tikkettar ta' prodotti tal-enerġija relatati li jirrappreżentaw potenzjal sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija u li għandhom differenza wiesgħa fil-livelli ta' prestazzjoni b'funzjonalità ekwivalenti.

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 97/17/KE tas-16 ta' April 1997 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE rigward it-tikketti li jindikaw il-konsum ta' enerġija tal-magni tad-dar tal-ħasil tal-platti [2] stabbilixxiet dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar tal-enerġija tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti.

(3) Parti kbira mid-domanda totali għall-konsum domestiku tal-elettriku fl-Unjoni Ewropea tintuża mill-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti. Barra mit-titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija li diġà sar, għad hemm bżonn ta' ħafna iktar tnaqqis fil-konsum tal-enerġija tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti.

(4) Id-Direttiva 97/17/KE għandha titħassar u għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet ġodda minn dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat li t-tikketta dwar l-enerġija tipprovdi inċentivi dinamiċi għall-fornituri sabiex ikomplu jtejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti u titħaffef it-trasformazzjoni tas-suq lejn teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

(5) L-informazzjoni pprovduta fuq it-tikketta għandha tinkiseb permezz ta' proċeduri ta' kejl affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar riċenti u avvanzati rikonoxxuti inklużi, fejn disponibbli, standards armonizzati adottati mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej, kif elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti tekniċi u tar-regoli tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Informazzjoni [3].

(6) Dan ir-Regolament għandu jispeċifika disinn u kontenut uniformi għat-tikketta tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti.

(7) Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu jispeċifika r-rekwiżiti fir-rigward tad-dokumentazzjoni teknika u l-iskeda għall-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti.

(8) Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu jispeċifika r-rekwiżiti dwar l-informazzjoni li għandha tingħata waqt bejgħ tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti li jsir mill-boġhod, fil-pubblikità u fil-materjal promozzjonali ta' natura teknika.

[1] ĠU L 153, 18.6.2010, p. 1.
[2] ĠU L 118, 7.5.1997, p. 1.
[3] ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.

(9) Huwa xieraq li jkun hemm provvediment għal reviżjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li tqis il-progress teknoloġiku.

(10) Sabiex tkun iffaċilitata t-tranżizzjoni mid-Direttiva 97/17/KE għal dan ir-Regolament, il-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti li jkollhom tikketta skont dan ir-Regolament għandhom jitqiesu konformi mad-Direttiva 97/17/KE.

(11) Id-Direttiva 97/17/KE għandha għalhekk tiġi mħassra,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti għat-tikkettar u għall-forniment ta' informazzjoni addizzjonali dwar il-prodotti għall-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti li joperaw permezz tal-elettriku u għall-magni tal-ħasil tal-platti li joperaw permezz tal-elettriku li jistgħu joperaw ukoll permezz tal-batteriji, inkluż dawk li jinbigħu għal użu mhux domestiku u tagħmir ingastat (built-in).

Artikolu 2

Tifsiriet

Minbarra d-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/30/UE, għall-fini ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw ukoll dawn id-definizzjonijiet:

(1) "magna domestika tal-ħasil tal-platti" tfisser magna li tnaddaf, tlaħlaħ u tnixxef il-platti, oġġetti tal-ħġieġ, pożati u oġġetti tat-tisjir b'mezzi kimiċi, mekkaniċi, termali u elettriċi u li hija magħmula l-aktar biex tintuża għal skopijiet mhux professjonali;

(2) "magna domestika tal-ħasil tal-platti ingastata" tfisser magna domestika tal-ħasil tal-platti magħmula biex tiġi installata f'armarju, fi spazju vojt f'ħajt jew f'xi post simili, u li teħtieġ elementi oħra biex tkun kompleta;

(3) "sett individwali" tfisser sett definit ta' fajjenza, oġġetti tal-ħġieġ u pożati għall-użu ta' persuna waħda;

(4) "kapaċità nominali" tfisser l-akbar numru ta' settijiet individwali, flimkien mal-għadd ta' oġġetti li jintużaw għas-servizz tal-mejda kif iddikkjarat mill-manifattur, li magna domestika tal-ħasil tal-platti tista' taħsel u tnixxef, bil-programm magħżul, meta timtela skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;

(5) "programm" tfisser serje ta' operazzjonijiet li jkunu definiti minn qabel u li l-fornitur jiddikjarhom bħala adegwati għall-ħasil ta' livelli speċifikati ta' ħmieġ jew tipi ta' tagħbija, jew tat-tnejn, u li flimkien jifformaw ċiklu sħiħ;

(6) "il-ħin tal-programm" tfisser il-ħin li jgħaddi mill-bidu tal-programm sat-tmiem tal-programm u li jeskludi kwalunkwe dewmien ipprogrammat mill-utent aħħari;

(7) "ċiklu" tfisser proċess sħiħ ta' tindif, tlaħliħ u tnixxif, kif definit għall-programm magħżul;

(8) "modalità mitfija" tfisser il-kundizzjoni li fiha, il-magna domestika tal-ħasil tal-platti tkun mitfija permezz ta' kontrolli jew swiċċijiet tat-tagħmir li jkunu aċċessibbli u magħmulin biex jintużaw mill-utent aħħari waqt l-użu normali tal-magna biex jinkiseb l-inqas konsum possibbli tal-enerġija li jista' jibqa' għaddej għal ħin indefinit waqt li l-magna domestika tal-ħasil tal-platti tkun imqabbda massors tal-enerġija u tintuża skont l-istruzzjonijiet tal-fornitur; meta l-magna ma jkollhiex kontrolli jew swiċċijiet li jkunu aċċessibbli għall-utent aħħari, "modalità mitfija" tfisser il-kundizzjoni li l-magna domestika tal-ħasil tal-platti tispiċċa fiha meta titħalla terġa' lura waħidha għal stat kostanti ta' konsum tal-enerġija;

(9) "modalità mixgħula u inattiva" tfisser il-modalità li fiha jseħħ l-inqas konsum tal-enerġija li jista' jibqa' għaddej għal ħin indefinit wara li l-programm ikun intemm u l-magna domestika tal-ħasil tal-platti titbattal mingħajr ebda intervent ieħor mill-utent aħħari;

(10) "magna domestika tal-ħasil tal-platti ekwivalenti" tfisser mudell ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti li titqiegħed fis-suq bl-istess kapaċità nominali, karatteristiki tekniċi u ta' prestazzjoni, konsum tal-enerġija u tal-ilma u emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja bħal mudell ieħor ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti li titqiegħed fis-suq mill-istess fornitur iżda b'numru tal-kodiċi kummerċjali differenti.

(11) "utent aħħari" tfisser konsumatur li jixtri jew li hu mistenni jixtri magna domestika tal-ħasil tal-platti;

(12) "il-punt tal-bejgħ" tfisser il-post fejn il-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti jitpoġġew għall-wiri jew jiġu offruti għall-bejgħ, għall-kiri jew biex jinxtraw bin-nifs.

Artikolu 3

Responsabbiltajiet tal-fornituri

Il-fornituri għandhom jiżguraw li:

(a) kull magna domestika tal-ħasil tal-platti jkollha tikketta stampata fil-format u bil-kontenut kif stipulat fl-Anness I;

(b) ikun hemm disponibbli skeda tal-prodott kif stipulat fl-Anness II;

(c) fuq talba jkun hemm disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dokumentazzjoni teknika kif stipulat fl-Anness III;

(d) jekk tkun qed tagħti informazzjoni relatata mal-enerġija jew mal-prezz, kwalunkwe pubblikità għal mudell speċifiku ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti tindika l-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija;

(e) kwalunkwe materjal tekniku ta' pubblikità dwar mudell speċifiku ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti li tiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi tindika l-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ta' dak il-mudell.

Artikolu 4

Responsabbiltajiet tal-bejjiegħa

Il-bejjiegħa għandhom jiżguraw li:

(a) kull magna domestika tal-ħasil tal-platti, fil-punt tal-bejgħ, ikollha t-tikketta pprovduta mill-fornituri skont l-Artikolu 3(a) fuq il-faċċata jew fuq il-wiċċ ta' fuq tal-magna domestika tal-ħasil tal-platti, b'tali mod li tkun tidher ċar;

(b) il-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti offruti għall-bejgħ, kiri jew xiri bin-nifs fejn l-utent aħħari ma jistax ikun mistenni li jara l-prodott muri, ikunu kkummerċjalizzati bl-informazzjoni li għandha tingħata mill-fornituri skont l-Anness IV;

(c) kwalunkwe pubblikità għal mudell speċifiku ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti jkun fiha referenza għall-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tagħha, jekk il-pubblikità tkun qed tagħti informazzjoni relatata mal-enerġija jew mal-prezz;

(d) kwalunkwe materjal tekniku ta' pubblikità dwar mudell speċifiku ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti li jiddeskrivi l-parametri tekniċi speċifiċi jkun fih il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ta' dak il-mudell.

Artikolu 5

Metodi tal-kejl

L-informazzjoni li għandha tingħata skont l-Artikoli 3 u 4 għandha tinkiseb permezz ta' metodi ta' kejl affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-aktar reċenti u avvanzati rikonoxxuti.

Artikolu 6

Proċedura tal-verifika għal finijiet ta' sorveljanza tas-suq

L-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura stipulata fl-Anness V meta jivvalutaw il-konformità tal-klassi ddikjarata tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-konsum annwali tal-enerġija, il-konsum annwali tal-ilma, l-indiċi tal-effiċjenza tat-tnixxif, il-ħin tal-programm, il-konsum tal-enerġija fil-modalità mitfija u fil-modalità mixgħula u inattiva, it-tul tal-modalità mixgħula u inattiva u l-emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja.

Artikolu 7

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tanalizza dan ir-Regolament fid-dawl ta' progress teknoloġiku mhux aktar tard minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. L-analiżi għandha tivvaluta b'mod partikolari t-tolleranzi tal-verifika stipulati fl-Anness V.

Artikolu 8

Revoka

Id-Direttiva 97/17/KE għandha tiġi revokata mill-20 ta' Diċembru 2011.

Artikolu 9

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. L-Artikolu 3 (d) u (e) u l-Artikolu 4 (b), (c) u (d) ma għandhomx japplikaw għall-pubblikità stampata u għal materjal tekniku ta' promozzjoni stampat ippubblikati qabel it-30 ta' Marzu 2012.

2. Il-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti mqiegħda fis-suq qabel it-30 ta' Novembru 2011 għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 97/17/KE.

3. F'każ li tiġi adottata miżura ta' implimentazzjoni għad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti, il-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti li huma konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-miżura ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-effiċjenza tat-tindif u mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u li jitqegħdu fis-suq jew għall-bejgħ, għall-kiri jew għax-xiri bin-nifs qabel l-20 ta' Diċembru 2011 għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 97/17/KE.

[1] ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-20 ta' Diċembru 2011. Madankollu, l-Artikolu 3 (d) u (e) u l-Artikolu 4 (b), (c) u (d) għandhom japplikaw mill-20 ta' April 2012.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.


Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS I

Tikketta

1. TIKKETTA



I
II
III
IV
V
VI
VII
VIII

(1) It-tikketta għandha tinkludi din l-informazzjoni:

I. l-isem tal-fornitur jew il-marka kummerċjali;

II. identifikatur tal-fornitur tal-mudell, fejn 'identifikatur tal-mudell' tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti minn mudelli oħra bl-istess marka kummerċjali jew isem tal-fornitur;

III. il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ddeterminata skont l-Anness VI, punt 1; it-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-magna domestika tal-ħasil tal-platti għandu jitpoġġa fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fih tidher il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija rilevanti;

IV. il-konsum annwali tal-enerġija (AE_C) f'kWh fis-sena, aġġustat sal-eqreb numru sħiħ integer u kkalkulat skont il-punt 1(b) tal-Anness VII;

V. il-konsum annwali tal-ilma (AW_C) f'litri fis-sena, aġġustat sal-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont il-punt 3 tal-Anness VII;

VI. il-klassi tal-effiċjenza tat-tnixxif iddeterminata skont l-Anness VI, punt 2;

VII. il-kapaċità nominali, f'għadd ta' settijiet individwali standard, għaċ-ċiklu standard tat-tindif;


VIII. l-emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja espressi f'dB(A) re1 pW, aġġustati sal-eqreb numru sħiħ.

(2) Id-disinn tat-tikketta għandu jkun skont il-punt 2. Permezz ta' deroga, meta mudell ikun ingħata 'ekotikketta tal-UE' skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], tista' tingħata wkoll kopja tal-ekotikketta.

2. DISINN TAT-TIKKETTA

Id-disinn tat-tikketta għandu jkun kif jidher fid-disinn hawn taħt.

[1] ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.


5 mm
5 mm
5 mm
5 mm
3
4 mm
4 mm
ENERG
Y
IJA
IE
IA
енергия · ενεργεια
1
2
15
13
14
4
I
II
A+++
A++
A+
A
B
C
D
7 mm
A+
6
14 mm
5
ENERGIA · ЕНЕРГИЯ · ЕΝΕΡΓΕΙΑ
ENERGIJA · ENERGY · ENERGIE
ENERGI
7
XYZ
kWh/annum
8
WXYZ
L/annum
ABCDEFG
xYZ
YZ
dB
9
12
16
2010/1059
10
11
220 mm
110 mm

Fejn:

(a) It-tikketta trid tkun tal-inqas wiesgħa 110 mm u twila 220 mm. Meta t-tikketta tiġi stampata f'format akbar, il-kontenut tagħha xorta waħda għandu jibqa' proporzjonat għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fuq.

(b) L-isfond għandu jkun abjad.

(c) Il-kuluri għandhom ikunu CMYK - cyan, maġenta, isfar, u iswed – skont dan l-eżempju: 00-70-X-00: 0 % cyan, 70 % maġenta, 100 % isfar, 0 % iswed.

(d) It-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin (in-numri jirreferu għad-Disinn ta' hawn fuq):

❶ **Linja tal-Bordura:** 5 pt – kulur: Cyan 100 % – truf fit-tond: 3,5 mm.

❷ **Logo tal-UE** – kuluri: X-80-00-00 u 00-00-X-00.

❸ **Logo tal-enerġija:** kulur: X-00-00-00. Pittogramma kif murija; Il-logo tal-UE u l-logo tal-enerġija (flimkien): wisa': 92 mm, għoli: 17 mm.

❹ **Linja tal-bordura tal-logos iż-żgħar:** 1 pt – kulur: Cyan 100 % – tul: 92,5 mm.

❺ **Skala A-G**

— **Vleġeġ:** għoli: 7 mm, spazju bejn vleġġa u oħra: 0,75 mm – kuluri:

L-ewwel klassi: X-00-X-00,

It-tieni klassi: 70-00-X-00,

It-tielet klassi: 30-00-X-00,

Ir-raba' klassi: 00-00-X-00,

Il-ħames klassi: 00-30-X-00,

Is-sitt klassi: 00-70-X-00,

L-aħħar klassi: 00-X-X-00.

— **Test:** Calibri bold 18 pt, b'ittri kbar, abjad; "+" simboli: Calibri bold 12 pt, b'ittri kbar, abjad, allinejati fuq ringiela waħda.

❻ **Klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija**

— **Vleġeġ:** wisa': 26 mm, għoli: 14 mm, 100 % iswed.

— **Test:** Calibri bold 29 pt, b'ittri kbar, abjad; "+" simboli: Calibri bold 18 pt, b'ittri kbar, abjad, allinejati fuq ringiela waħda.

❼ **Enerġija**

— **Test:** Calibri regular 11 pt, ittri kapitali, 100 % iswed.

❽ **Konsum annwali tal-enerġija**

— **Bordura:** 2 pt – kulur: Cyan 100 % – truf fit-tond: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri bold 37 pt, 100 % iswed;

— **It-tieni linja:** Calibri regular 17 pt, 100 % iswed.

❾ **Konsum annwali tal-ilma**

— **Pittogramma kif murija**

— **Bordura:** 2 pt – kulur: Cyan 100 % – truf fit-tond: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri bold 24 pt, 100 % iswed; u Calibri regular 16 pt, 100 % iswed.

❿ **Klassi tal-effiċjenza tat-tnixxif:**

— **Pittogramma kif murija**

— **Bordura:** 2 pt – kulur: Cyan 100 % – truf fit-tond: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri regular 16 pt, skala orizzontali 75 %, 100 % iswed; u Calibri bold 22 pt, skala orizzontali 75 %, 100 % iswed.

⓫ **Kapaċità nominali:**

— **Pittogramma kif murija**

— **Bordura:** 2 pt – kulur: Cyan 100 % – truf fit-tond: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri bold 24 pt, 100 % iswed; u Calibri regular 16 pt, 100 % iswed.

⓬ **Emissjonijiet tal-istorbju:**

— **Pittogramma kif murija**

— **Bordura:** 2 pt – kulur: Cyan 100 % – truf fit-tond: 3,5 mm.

— **Valur:** Calibri bold 24 pt, 100 % iswed; u Calibri regular 16 pt, 100 % iswed.

⓭ **L-isem tal-fornitur jew il-marka kummerċjali**

⓮ **L-identifikatur tal-mudell tal-fornitur**

⓯ Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali u l-identifikatur tal-mudell għandhom joqogħdu fi spazju ta' 92 × 5 mm.

⓰ **Innumerar tar-Regolament:** Calibri bold 9 pt, 100 % iswed;

ANNESS II

Skeda tal-prodott

1. L-informazzjoni fl-iskeda tal-prodott tal-magna domestika tal-ħasil tal-platti għandha tingħata fl-ordni li ġej u għandha tkun inkluża fil-fuljett tal-prodott jew f'letteratura oħra mogħtija mal-prodott:

   (a) isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali;

   (b) l-identifikatur tal-fornitur tal-mudell, jiġifieri l-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti minn mudelli oħra bl-istess marka kummerċjali jew isem tal-fornitur.

   (c) il-kapaċità nominali, f'għadd ta' settijiet individwali standard, għaċ-ċiklu standard tat-tindif;

   (d) il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija skont l-Anness VI, il-punt 1;

   (e) fejn il-magna domestika tal-ħasil tal-platti tkun ingħatat "Ekotikketta tal-UE" skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, din l-informazzjoni tista tiġi inkluża;

   (f) il-konsum annwali tal-enerġija (AE_C) f'kWh fis-sena, aġġustat sal-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont il-punt 1(b) tal-Anness VII. Dan għandu jkun deskritt bħala "Konsum tal-Enerġija 'X' kWh fis-sena, abbażi ta' 280 ċiklu standard tat-tindif li fihom jintużaw ilma kiesaħ u modalitajiet b'konsum baxx. Il-konsum proprju tal-enerġija jiddependi minn kif jintuża l-apparat.";

   (g) il-konsum tal-enerġija (E_t) taċ-ċiklu standard tat-tindif;

   (h) il-konsum tal-enerġija fil-modalità mitfija u fil-modalità mixgħula u inattiva (P_o u P_l);

   (i) il-konsum annwali tal-ilma (AW_C) f'litri fis-sena, aġġustat sal-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont il-punt 3 tal-Anness VII; dan għandu jiġi deskritt kif ġej: "Konsum tal-ilma 'X' litri fis-sena, abbażi ta' 280 ċiklu standard tat-tindif. Il-konsum proprju tal-ilma jiddependi minn kif jintuża t-tagħmir.";

   (j) il-klassi tal-effiċjenza tat-tnixxif stabbilita skont l-Anness VI, punt 2 u espressa bħala "klassi 'X' tal-effiċjenza tat-tnixxif fuq skala minn G (l-inqas effiċjenti) sa A (l-aktar effiċjenti)"; Meta din l-informazzjoni tkun ipprovduta f'forma ta' tabella, din tista' tiġi espessa permezz ta' mezzi oħra, dejjem jekk jibqa' ċar li l-iskala tkun minn G (l-inqas effiċjenti) sa A (l-aktar effiċjenti);

   (k) indikazzjoni li "l-programm standard" huwa l-programm standard tat-tindif li tirreferi għalih l-informazzjoni fit-tikketta u l-iskeda, li dan il-programm huwa adatt biex inaddaf oġġetti tal-mejda li jkollhom ħmieġ normali, u li huwa l-aktar programm effiċjenti f'termini tal-konsum ikkombinat ta' enerġija u ta' ilma;

   (l) il-ħin tal-programm għaċ-ċiklu standard tat-tindif, li jiġi indikat f'minuti u aġġustat sal-eqreb minuta;

   (m) it-tul ta' ħin tal-modalità mixgħula u inattiva (T_l) jekk il-magna domestika tal-ħasil tal-platti tkun mgħammra b'sistema ta' ġestjoni tal-enerġija;

   (n) l-emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja espressi f'dB(A) re 1 pW, aġġustati sal-eqreb numru sħiħ;

   (o) f'każ li l-magna domestika tal-ħasil tal-platti tkun inkorporata, indikazzjoni ta' dan.

2. Skeda waħda tista' tkopri għadd ta' mudelli ta' magni domestiċi tal-ħasil tal-platti fornuti mill-istess fornitur.

3. L-informazzjoni fl-iskeda tista' tingħata f'forma ta' kopja tat-tikketta, bil-kulur jew bl-abjad u l-iswed. Fejn dan ikun il-każ, l-informazzjoni mniżżla fil-punt 1 li mhux diġà tidher fuq it-tikketta għandha tingħata wkoll.

ANNESS III

Dokumentazzjoni teknika

1. Id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 3(c) għandha tinkludi:

(a) isem u indirizz il-fornitur;

(b) deskrizzjoni ġenerali tal-mudell tal-magna tal-ħasil tal-platti, ċara biżżejjed biex il-mudell ikun jista' jiġi identifikat bla dubju u faċilment;

(c) fejn ikun xieraq, ir-referenzi tal-istandards armonizzati applikati;

(d) fejn xieraq, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra użati;

(e) identifikazzjoni u firma tal-persuna awtorizzata li tiffirma d-dikjarazzjoni f'isem il-fornitur;

(f) parametri tekniċi għall-kejl kif ġej:

(i) *il-konsum tal-enerġija;*

(ii) *il-konsum tal-ilma;*

(iii) *il-ħin tal-programm;*

(iv) *l-effiċjenza tat-tnixxif;*

(v) *il-konsum ta' enerġija fil-"modalità mitfija";*

(vi) *il-konsum tal-enerġija fil-"modalità mixgħula u inattiva";*

(vii) *il-ħin li ddum fil-"modalità mixgħula u inattiva";*

(viii) *l-emmissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja;*

(g) ir-riżultati tal-kalkoli mwettqa skont l-Anness VII.

2. Meta l-informazzjoni inkluża fil-fajl tad-dokumentazzjoni teknika ta' mudell partikolari ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti tkun ir-riżultat ta' kalkolu li jsir abbażi tad-disinn, jew ta' estrapolazzjoni minn magni domestiċi tal-ħasil tal-platti ekwivalenti oħra, jew abbażi tat-tnejn, id-dokumentazzjoni għandha tinkludi dettalji tat-tali kalkoli jew estrapolazzjonijiet, jew tat-tnejn, u ta' testijiet li l-forniturі jwettqu biex jivverifikaw il-preċiżjoni tal-kalkoli mwettqa. L-informazzjoni għandha tinkludi wkoll lista tal-mudelli l-oħra kollha ta' magni domestiċi tal-ħasil tal-platti ekwivalenti li għalihom l-informazzjoni tkun inkisbet fuq l-istess bażi.

ANNESS IV

Informazzjoni li għandha tingħata f'każijiet fejn l-utent aħħari ma jistax ikun mistenni li jara l-prodott muri

1. L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(b) għandha tkun ipprovduta fl-ordni li ġejja:

   (a) il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, kif definit fl-Anness VI, il-punt 1;

   (b) il-kapaċità nominali, f'għadd ta' settijiet individwali standard, għaċ-ċiklu standard tat-tindif;

   (c) il-konsum annwali tal-enerġija (AE_C), indikat f'kWh fis-sena u aġġustat sal-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont l-Anness VII, il-punt 1(b);

   (d) il-konsum annwali tal-ilma (AW_C), indikat f'litri fis-sena u aġġustat sal-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont l-Anness VII, il-punt 3;

   (e) il-klassi tal-effiċjenza tat-tnixxif skont l-Anness VI, il-punt 2;

   (f) l-emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja, indikati f'dB(A) re1 pW u aġġustati sal-eqreb numru sħiħ;

   (g) f'każ li l-mudell huwa magħmul sabiex ikun ingastat, indikazzjoni ta' dan.

2. Fejn tingħata wkoll informazzjoni oħra li tinsab fl-iskeda dwar il-prodott, din għandha tkun fil-forma u fl-ordni speċifikati fl-Anness II.

3. Id-daqs u t-tipa, li bihom tkun stampata jew murija l-informazzjoni kollha msemmija f'dan l-Anness, għandha tkun leġġibbli.

ANNESS V

Proċedura tal-verifika għal finijiet ta' sorveljanza tas-suq

Għall-finijiet ta' verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jittestjaw unità waħda ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti. F'każ li l-parametri mkejla ma jaqblux mal-valuri ddikjarati mill-fornitur fil-firxa stipulata fit-Tabella 1, il-kejl għandu jitwettaq fuq tliet magni domestiċi tal-ħasil tal-platti oħra. Il-medja aritmetika tal-valuri mkejla ta' dawn it-tliet magni domestiċi tal-ħasil tal-platti għandha taqbel mal-valuri ddikjarati mill-fornitur fil-firxa stipulata fit-Tabella 1, minbarra għall-konsum tal-enerġija fejn il-valuri mkejla ma għandhomx ikunu ogħla mill-valur nominali ta' E_t b'iktar minn 6 %.

Jekk ma taqbilx, il-mudell u l-mudelli ekwivalenti l-oħra kollha ta' magni domestiċi tal-ħasil tal-platti għandhom jitqiesu bħala mudelli li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4.

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw proċeduri ta' kejl affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi ta' kejl l-iktar avvanzati rikonoxxuti b'mod ġenerali, inklużi l-metodi stabbiliti f'dokumenti li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati għal dak il-għan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Tabella 1

Parametri mkejla	Tolleranzi ta' verifika
Konsum annwali tal-enerġija	Il-valur imkejjel ma għandux ikun ogħla mill-valur nominali (*) tal-AE_C b'aktar minn 10 %.
Konsum tal-ilma	Il-valur imkejjel ma għandux jaqbeż il-valur nominali ta' W_t b'iktar minn 10 %.
Indiċi tal-effiċjenza tat-tnixxif	Il-valur imkejjel ma għandux ikun inqas mill-valur nominali ta' I_D b'aktar minn 19 %.
Konsum tal-enerġija	Valur imkejjel ma għandux jaqbeż il-valur nominali ta' E_t b'iktar minn 10 %.
Il-ħin tal-programm	Il-valur imkejjel ma għandux ikun ogħla mill-valur nominali ta' T_t b'aktar minn 10 %.
Konsum tal-enerġija meta mitfija u meta tibqa' mixgħula u inattiva	Il-valur imkejjel ta' konsum tal-enerġija P_o u P_l li jkun akbar minn 1.00 W ma għandux ikun akbar mill-valur nominali b'aktar minn 10 %. Il-valur imkejjel tal-konsum tal-enerġija P_o u P_l ta' 1.00 W jew inqas ma għandux ikun ogħla mill-valur nominali b'aktar minn 0,10 W.
Tul ta' żmien fil-modalità mixgħula u inattiva	Il-valur imkejjel ma għandux ikun itwal mill-valur nominali ta' T_l b'aktar minn 10 %.
Emissjonijiet ta' storbju akustiku fl-arja	Il-valur imkejjel għandu jilħaq il-valur nominali.

(*) "valur nominali" tfisser valur li jiġi ddikjarat mill-fornitur

ANNESS VI

Klassijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u klassijiet tal-effiċjenza tat-tnixxif

1. KLASSIJIET TAL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

Il-klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti għandha tiġi determinata abbażi tal-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (*EEI*) kif stipulat fit-Tabella 1.

L-Indiċi tal-Effiċjenza fl-użi tal-Enerġija (*EEI*) ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti għandu jiġi kkalkulat skont l-Anness VII, punt 1.

Tabella 1

Klassijiet tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija

Klassi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija	Indiċi tal-Effiċjenza fl-użu tal-Enerġija
A+++ (l-iktar effiċjenti)	$EEI < 50$
A++	$50 \leq EEI < 56$
A+	$56 \leq EEI < 63$
A	$63 \leq EEI < 71$
B	$71 \leq EEI < 80$
C	$80 \leq EEI < 90$
D (l-anqas effiċjenti)	$EEI \geq 90$

2. KLASSIJIET TAL-EFFIĊJENZA TAT-TNIXXIF

Il-klassi tal-effiċjenza tat-tnixxif tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti għandha tiġi determinata abbażi tal-Indiċi tal-Effiċjenza tat-Tnixxif (I_D) kif stipulat fit-Tabella 2.

L-Indiċi tal-Effiċjenza tat-Tnixxif (I_D) għandu jiġi stabbilit skont l-Anness VII, punt 2.

Tabella 2

Klassijiet tal-effiċjenza tat-tnixxif

Klassi tal-effiċjenza tat-tnixxif	Indiċi tal-Effiċjenza tat-Tnixxif
A (l-iktar effiċjenti)	$I_D > 1{,}08$
B	$1{,}08 \geq I_D > 0{,}86$
C	$0{,}86 \geq I_D > 0{,}69$
D	$0{,}69 \geq I_D > 0{,}55$
E	$0{,}55 \geq I_D > 0{,}44$
F	$0{,}44 \geq I_D > 0{,}33$
G (l-inqas effiċjenti)	$0{,}33 \geq I_D$

ANNESS VII

Metodu għall-kalkolu tal-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija, l-Indiċi tal-Effiċjenza tat-Tnixxif u l-konsum tal-ilma

1. KALKOLU TAL-INDIĊI TAL-EFFIĊJENZA FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

Għall-kalkolu tal-Indiċi tal-Effiċjenza fl-użu tal-Enerġija (*EEI*), ta' mudell ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti, il-konsum annwali tal-enerġija tal-magna domestika tal-ħasil tal-platti jitqabbel mal-konsum standard annwali tal-enerġija.

(a) L-Indiċi tal-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija (*EEI*) jiġi kkalkulat u aġġustat sal-ewwel ċifra wara l-punt deċimali, skont din il-formula:

$$EEI = \frac{AE_C}{SAE_C} \times 100$$

fejn:

AE_C = il-konsum annwali tal-enerġija tal-magna domestika tal-ħasil tal-platti

SAE_C = il-konsum annwali tal-enerġija standard tal-magna domestika tal-ħasil tal-platti.

(b) Il-konsum annwali tal-enerġija (AE_C) jiġi kkalkulat, f' kWh/sena u aġġustat sat-tieni ċifra wara l-punt deċimali, skont din il-formula:

(i)

$$AE_C = E_t \times 280 + \frac{\left[P_o \times \frac{525\,600 - (T_t \times 280)}{2} + P_l \times \frac{525\,600 - (T_t \times 280)}{2}\right]}{60 \times 1\,000}$$

fejn:

E_t = il-konsum tal-enerġija għaċ-ċiklu standard, li jiġi indikat f'kWh u aġġustat sa tliet ċifri wara l-punt deċimali;

P_l = l-enerġija fil-"modalità mixgħula u inattiva" għaċ-ċiklu standard tat-tindif, li tiġi indikata f'W u aġġustata sa żewġ ċifri wara l-punt deċimali;

P_o = l-enerġija fil-"modalità mitfija" għaċ-ċiklu standard tat-tindif, li tiġi indikata f'W u aġġustata sa żewġ ċifri wara l-punt deċimali;

T_t = il-ħin tal-programm għaċ-ċiklu standard tat-tindif, li jiġi indikat f'minuti u aġġustat sal-eqreb minuta;

280 = l-għadd totali ta' ċikli standard tat-tindif kull sena.

(ii) Meta l-magna domestika tal-ħasil tal-platti tkun mgħammra b'sistema ta' ġestjoni tal-enerġija, u, wara li jintemm il-programm, il-magna domestika tal-ħasil tal-platti tidħol awtomatikament fil-"modalità mitfija", AE_C jiġi kkalkulat b'qies għat-tul taż-żmien effettiv li fih il-magna tkun fil-"modalità mixgħula u inattiva", permezz ta' din il-formula:

$$AE_C = E_t \times 280 + \frac{\{(P_l \times T_l \times 280) + P_o \times [525\,600 - (T_t \times 280) - (T_l \times 280)]\}}{60 \times 1\,000}$$

fejn:

T_l = il-ħin imkejjel ta' kemm il-magna ddum fil-"modalità mixgħula u inattiva" għaċ-ċiklu standard tat-tindif, li jiġi indikat f'minuti u aġġustat sal-eqreb minuta;

280 = l-għadd totali ta' ċikli standard tat-tindif kull sena.

(c) Il-konsum standard annwali tal-enerġija (SAE_C) jiġi kkalkulat f'kWh/sena skont il-formula li ġejja u jinġieb sa żewġ ċifri wara l-punt deċimali:

(i) għal magni domestiċi tal-ħasil tal-platti li jkollhom kapaċità nominali ta *ps* ≥ 10 u wisa' ta' > 50 cm:

$$SAE_C = 7{,}0 \times ps + 378$$

(ii) għal magni domestiċi tal-ħasil tal-platti li jkollhom kapaċità nominali ta' $ps \leq 9$ u għal magni domestiċi tal-ħasil tal-platti li jkollhom kapaċità nominali ta' $9 < ps \leq 11$ u wisa' ta' ≤ 50 cm:

$$SAE_C = 25{,}2 \times ps + 126$$

fejn:

ps = għadd ta' settijiet individwali.

2. KALKOLU TAL-INDIĊI TAL-EFFIĊJENZA TAT-TNIXXIF

Għall-kalkolu tal-Indiċi tal-Effiċjenza tat-Tnixxif (I_D) ta' mudell ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti, l-effiċjenza tat-tnixxif tal-magna domestika tal-ħasil tal-platti tiġi mqabbla mal-effiċjenza tat-tnixxif ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti ta' referenza fejn din tal-aħħar ikollha l-karatteristiċi indikati fil-metodi ta' kejl l-aktar reċenti u avvanzati ġeneralment rikonoxxibbli, inkluż il-metodi stipulati f'dokumenti li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati għal dak il-għan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(a) L-Indiċi tal-Effiċjenza tat-Tnixxif (I_D) jiġi kkalkulat u aġġustat sat-tieni ċifra wara l-punt deċimali, skont din il-formula:

$$\ln I_D = \frac{1}{n} \times \sum_{i=1}^{n} \ln \left(\frac{D_{T,i}}{D_{R,i}} \right)$$

$$I_D = \exp(\ln I_D)$$

fejn:

$D_{T,i}$ = l-effiċjenza tat-tnixxif tal-magna domestika tal-ħasil tal-platti li tkun qed tiġi ttestjata, għal ċiklu wieħed ta' ttestjar (i);

$D_{R,i}$ = l-effiċjenza tat-tnixxif tal-magna tal-ħasil tal-platti ta' referenza għal ċiklu wieħed ta' ttestjar (i);

n = l-għadd ta' ċikli ta' ttestjar, $n \geq 5$

(b) L-effiċjenza tat-tnixxif (D) hija l-medja tal-grad tat-tixrib ta' kull oġġett li jiddaħħal fil-magna, wara li ċ-ċiklu standard tat-tindif ikun tlesta. Il-grad tat-tixrib jiġi kkalkulat kif muri fit-Tabella 1:

Tabella 1

L-għadd ta' traċċi tal-ilma (W_T) jew ta' linji mxarrbin (W_S)	L-erja totali imxarrba (Aw) f' mm^2	Grad tat-tixrib
$W_T = 0$ u $W_S = 0$	Mhux applikabbli	2 (l-aktar effiċjenti)
$1 < W_T \leq 2$ jew $W_S = 1$	$Aw < 50$	1
$2 < W_T$ jew $W_S = 2$ jew $W_S = 1$ u $W_T = 1$	$Aw > 50$	0 (l-inqas effiċjenti)

3. KALKOLU TAL-KONSUM ANNWALI TA' ILMA

Il-konsum annwali tal-ilma (AW_C) ta' magna domestika tal-ħasil tal-platti jiġi kkalkulat f'litri, u aġġustat sal-eqreb numru sħiħ, permezz ta' din il-formula:

$$AW_C = W_t \times 280$$

fejn:

W_t = il-konsum tal-ilma għaċ-ċiklu standard tat-tindif, li jiġi indikat f'litri u aġġustat sal-ewwel ċifra wara l-punt deċimali.